# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar IT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 114/97G2(PC)

**Ganna Muscat .**

**VS**

**Dr. Mario Scerri illi b'degriet tal-24 ta' Settembru, 1997 inhatar bhala Kuratur Deputat tal-imsiefer John Grima, u b'nota tas-26 t'Awissu, 1999 Brian John Grima assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Mario Scerri stante li rritorna mill-esteru .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat illi prevja okkorrendo illi huwa bhala eredi tal-mejjet Toni Grima, zijuh, jinsab responsabbli fil-konfront tal-attrici ghall-hlas ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) ghal darba wahda biss u dan kif jirrizulta mit-testmenti li saru mid-decujus Toni Grima l-ewwel wiehed tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu 1979 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u l-iehor tal-ghoxrin (20) ta' Mejju 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, tikkundannah sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) hekk imhollija lill-attrici, bl-interessi fuq din l-istess somma b'effett mid-data tal-mewt tal-imsemmi Toni Grima sad-data tal-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tmienja (8) ta' Awissu, tal-1997, tal-ittra ufficjali tal-hamsa (5) ta' Settembru 1997 u tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi anness mal-istess ittra ufficjali kontra tieghek .**

**Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-kuratur nomine li eccepixxa :**

1. **Illi l-eccipjent mhuwiex edott sewwa dwar il-fatti in kawza u ghaldaqstant irid jikkomunika mal-konvenut minnu rapprezentat sabiex jidderiegi ruhu ahjar ;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat in-nota ta' Brian John Grima tas-26 ta' Awissu, 1999, li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza minflok il-kuratur nomine .**

**Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 2001 li permezz tieghu l-attrici ddikjarat li l-mertu kien gie ezawrit u talbet sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez .**

**Il-Qorti, billi rrizulta fil-mori tal-kawza illi l-konvenut hallas l-ammont mitlub fl-avviz fil-mori tal-kawza, tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, peress illi ma rrizulta ebda raguni ghaliex it-talba attrici ma hijiex gustifikata, billi tilqa' t-talba attrici rigward il-kap ta' l-ispejjez, u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza.**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si11497Pc
340